

Brussell, 9 ta' April 2026  
(OR. en)

7982/26

AGRI 245  
AGRIFIN 74  
FORETS 49  
PROCIV 70  
ENV 317

#### NOTA

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	L-importanza strateġika tal-agrikoltura u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti għat-tisħiħ tal-prevenzjoni tar-riskju tan-nirien fis-selvaġġ u r-reżiljenza għalihom - Informazzjoni mill-Kummissjoni - Skambju ta' fehmiet

---

Il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-*Ġestjoni Integrata tar-Riskju tan-Nirien fis-Selvaġġ* (dok. 7652/26) tindirizza d-dimensjonijiet ekoloġiċi, ekonomiċi, kulturali u soċjali fiċ-ċiklu sħiħ tal-ġestjoni tar-riskju (il-prevenzjoni, it-thejjja, ir-rispons u l-irkupru). Dan iservi bħala rispons għall-urġenza li tittieħed azzjoni dwar il-ġestjoni tar-riskju tan-nirien fis-selvaġġ, li tlaqqa' flimkien l-oqsma u l-atturi kollha ta' politika f'approċċ konġunt biex jitnaqqas ir-riskju tan-nirien fis-selvaġġ. Dan jibni fuq konsultazzjonijiet mal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, l-Istati Membri, l-esperti, il-partijiet ikkonċernati u l-akkademja u għandu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni magħhom biex jiġu indirizzati l-isfidi dejjem akbar dwar ir-riskji tan-nirien fis-selvaġġ.

In-nirien fis-selvaġġ fl-UE qed jiżdiedu fl-iskala, fil-frekwenza u fil-qerda, u qed joħolqu riskji transsettorjali sinifikanti. Għall-istaġun tan-nirien fis-selvaġġ tal-2025, ir-rekords jindikaw li nħarqu aktar minn miljun ettaru fl-UE, żona akbar minn Ċipru. Dan jistabbilixxi livell għoli storiku għat-territorju affettwat min-nirien fis-selvaġġ fl-UE. F'erbgħa mill-aħħar ħames snin, iż-żoni maħruqa qabżu l-medja storika, b'żieda wkoll fl-intensità tan-nirien. In-nirien fis-selvaġġ ma għadhomx limitati għan-Nofsinhar tal-Ewropa iżda qed jaffettwaw ukoll ir-reġjuni Ċentrali, tat-Tramuntana u tal-Lvant tal-kontinent. Din ix-xejra għandha konsegwenzi b'firxa wiesgħa, fosthom it-telf ta' ħajjiet, il-ħsara lill-ekosistemi, it-tnaqqis fil-kwalità tal-arja, id-degradazzjoni tal-ħamrija, l-erożjoni, it-telf tal-bijodiversità u l-impatti negattivi fuq l-agrikoltura, il-forestrija u l-infrastruttura. Il-ħsara ekonomika annwali tal-UE li tirriżulta min-nirien fis-selvaġġ hija stmata għal madwar EUR 2.5 biljun.

It-tibdil fil-klima huwa katalist ewlieni għal mewġiet ta' sħana, nixfiet u temperaturi għoljin aktar frekwenti, u joħloq kundizzjonijiet li jiffavorixxu t-tqabbid u t-tixrid tan-nirien fis-selvaġġ. Il-bidliet fl-użu tal-art, id-degradazzjoni tal-ekosistemi naturali, id-depopolazzjoni rurali u l-abbandun tal-prattiki tradizzjonali wasslu għal żieda fl-akkumulazzjoni tal-fjuwil. Fl-istess ħin, l-espansjoni urbana f'żoni forestali żiedet l-esponiment għan-nirien fis-selvaġġ. L-attività tal-bniedem tirrappreżenta sa 96 % tat-tqabbid tan-nirien fis-selvaġġ, u b'hekk hija l-kawża primarja tagħhom. In-nirien fis-selvaġġ ħafna drabi jiġu kkawżati minn xrar relatat mal-infrastruttura jew minn azzjonijiet intenzjonati.

L-akkumulazzjoni tal-fjuwil minħabba veġetazzjoni mhux ġestita żżid il-probabbiltà ta' nirien kbar fis-selvaġġ. Għalhekk, il-bdiewa, il-forestiera u l-komunitajiet rurali għandhom rwol ewlieni kruċjali fil-prevenzjoni tan-nirien fis-selvaġġ. Prattiki ta' ġestjoni tal-art attivi u sostenibbli bħar-ragħa, iż-żbir tal-foresti, id-diversifikazzjoni tal-ispeċijiet u l-promozzjoni ta' pajsaġġi aktar diversi huma importanti fit-tnaqqis tal-intensità tan-nirien fis-selvaġġ u fit-tnaqqis tat-tixrid tan-nirien.

L-UE tipprovdi sorsi ta' finanzjament għall-prevenzjoni, it-tnejjija, ir-rispons u l-irkupru. Sabiex tiġi żgurata l-effettività, huma meħtieġa traċċar imtejjeb u użu strateġiku ta' dawn il-fondi. Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) ilha tappoġġa l-prevenzjoni u r-restawr tan-nirien fis-selvaġġ ibbażati fuq l-art. L-istrumenti disponibbli bħalissa, inkluż dawk iddedikati għar-restawr tal-foresti u tal-art agrikola wara d-diżastri naturali, huma proposti li jtkomplew għall-perjodu ta' programmazzjoni 2028-2034. Miżuri oħra bħar-restawr tan-natura, inkluż fl-artijiet mistagħdra u fiż-żoni tal-foresti, jikkontribwixxu wkoll għar-reżiljenza għan-nirien billi jtejbu s-saħħa tal-ekosistemi rilevanti u jnaqqsu l-effetti tan-nixfa.

L-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà primarja għall-ġestjoni tan-nirien fis-selvaġġ, flimkien mal-awtoritajiet reġjonali u l-maniġers tal-art, filwaqt li l-UE tipprovdi appoġġ permezz ta' finanzjament, data u kondivizzjoni tal-għarfien.

L-isfidi attwali li jostakolaw l-effettività tal-politiki tagħna dwar il-prevenzjoni tan-nirien fis-selvaġġ jinkludu data inkonsistenti, mapep tal-periklu mhux aġġornati, mudellar subottimali tal-imġiba tan-nirien li qed tevolvi u integrazzjoni limitata tal-valutazzjonijiet transfruntiera u b'diversi riskji.

Għal dak l-għan, l-għodod tal-UE diġà huma disponibbli għas-servizzi ta' monitoraġġ u ta' twissija bikrija, bħal Copernicus u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar in-Nirien Forestali (EFFIS) u l-Istati Membri huma mħeġġa jagħmlu użu sistematiku minnhom biex jappoġġaw il-ġestjoni tar-riskju tan-nirien fis-selvaġġ u jgħinuhom jiddeċiedu liema proġetti jeħtieġu finanzjament. Il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb dawn l-għodod u tiżviluppa mudellar tar-riskju standardizzat fil-livell tal-UE. L-Istati Membri huma mħeġġa jippromwovu l-adozzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni tan-nirien fis-selvaġġ ibbażati fuq l-art u jtejbu s-sistemi ta' twissija bikrija, il-monitoraġġ tan-nirien, il-mudellar tal-imġiba tan-nirien, il-valutazzjoni tar-riskju u l-użu ta' data b'riżoluzzjoni għolja għat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Minħabba l-livell għoli ta' nirien fis-selvaġġ ikkawżati mill-attività tal-bniedem, il-bidla fl-imġiba hija kritika. L-aċċess għall-informazzjoni dwar ir-riskju u l-komunikazzjoni mmirata jistgħu jappoġġaw l-isforzi ta' prevenzjoni. Il-miżuri ta' tnejjija jinkludu l-ippjanar tal-evakwazzjoni, l-involvement tal-komunità, u l-edukazzjoni.

Xi reġjuni ma għandhomx biżżejjed persunal imħarreġ u taġħmir. Il-pumpiera jeħtieġu l-protezzjoni, it-taħriġ u l-appoġġ xierqa. L-UE tinkoraġġixxi miżuri ta' rispons li għandhom jittieħdu permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, inkluż il-pożizzjonament minn qabel tal-pumpiera u l-iżvilupp ta' flotta kondiviża tat-tifi tan-nar mill-ajru (rescEU). Sforzi addizzjonali jiffukaw fuq it-titjib tal-interoperabbiltà, it-taħriġ u l-kapaċitajiet analitiċi.

Filwaqt li tirrikonoxxi l-ħtieġa għal aktar azzjoni dwar din il-kwistjoni u filwaqt li tqis il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-*Ġestjoni Integrata tar-Riskju tan-Nirien fis-Selvaġġ*, il-Presidenza Ċiprijotta għandha l-għan li tiffaċilita l-ħidma fuq ir-Rakkomandazzjoni dwar il-ġestjoni integrata tan-nirien fis-selvaġġ mħabbra mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha msemmija hawn fuq. Minħabba l-kontenut trażversali tagħha, ir-Rakkomandazzjoni ser tiġi diskussa taħt il-Kunsill Affarijiet Ġenerali. B'kont meħud ukoll tal-importanza tat-tiħiħ tar-rabta bejn il-prevenzjoni, it-tħejjija, ir-rispons u l-irkupru, kif ukoll l-appoġġ ipprovdut permezz ta' azzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri għal implimentazzjoni effettiva, il-Presidenza tistieden lill-Ministri jiskambjaw fehmiet dwar il-mistoqsijiet li ġejjin biex jikkontribwixxu għal dan il-proċess:

- *Kif tista' l-Politika Agrikola Komuni (PAK), flimkien ma' strumenti oħra tal-UE, tappoġġa aħjar lill-bdiewa, lill-forestiera u liż-żoni rurali fil-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji ta' nirien fis-selvaġġ, inkluż permezz ta' inċentivi aktar b'saħħithom għal Prattiki ta' ġestjoni tal-art li jnaqqsu l-akkumulazzjoni tal-fjuwil u jtejbu r-reżiljenza tal-pajsaġġ? Kif jista' dan l-appoġġ jittejjeb aktar permezz ta' finanzjament pubbliku u privat addizzjonali lil hinn mill-qafas tal-PAK?*
- *Meta jitqiesu l-intensità u l-frekwenza dejjem akbar tan-nirien fis-selvaġġ madwar l-Ewropa, kif tista' tiġi inċentivata l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u jissaħħaħ ir-restawr, u kif tista' l-prevenzjoni tar-riskju tan-nirien fis-selvaġġ tiġi integrata aħjar fil-politiki nazzjonali dwar il-foresti, fil-pjanijiet ta' restawr u fl-ippjanar tal-użu tal-art, b'mod partikolari fl-interfaċċa urbana-selvaġġa u fiż-żoni affettwati mill-abbandun tal-art, biex tissaħħaħ ir-reżiljenza u jiġu protetti l-komunitajiet u l-ekosistemi rurali?*